

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2022 – Pumpyanskaya vs Il-Kunsill****(Kawża T-737/22)**

(2023/C 24/96)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Galina Evgenyevna Pumpyanskaya (Ekaterinburg, ir-Russja) (rappreżentanti: G. Lansky, P. Goeth, A. Egger, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- skont l-Artikolu 263, l-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 277 TFUE, tiddikjara l-inapplicabbiltà tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2022/329/PESK, kif ukoll l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 269/2014, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 (iktar 'il-quddiem il-“kriterji ta’ elenkar ikkontestati”);
- skont l-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta’ Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(1)</sup>, kif ukoll ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta’ Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(2)</sup> (iktar 'il-quddiem l-“atti kkontestati”), sa fejn dawk l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti (Entrata Nru 724).
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors taħt l-Artikolu 263 TFUE:

1. Motiv taħt l-Artikolu 277 TFUE, ibbażat fuq li l-kriterji ta’ elenkar ikkontestati huma f’konflitt irrisolvibbli mal-prinċipju ta’ prevedibbiltà, mal-valuri li fih u mal-Istat tad-dritt.
2. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti.
3. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball ta’ evalwazzjoni mill-Kunsill meta inkluda l-isem tar-rikorrenti fl-annessi tal-atti kkontestati.
4. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni kif stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE.
5. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq il-ksur illegali tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inkluż id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja, għad-dar u għall-komunikazzjonijiet, kif ukoll għall-proprjeta’.

<sup>(1)</sup> ĠU 2022, L 239, p. 149.

<sup>(2)</sup> ĠU 2022, L 239, p. 1.

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2022 – Rotenberg vs Il-Kunsill****(Kawża T-738/22)**

(2023/C 24/97)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Igor Rotenberg (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: D. Rovetta, M. Campa, M. Moretto u V. Villante, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 <sup>(1)</sup> tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna;
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 <sup>(2)</sup> tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna;
- tannulla d-deċiżjoni li r-rikorrent jinżamm fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK <sup>(3)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 <sup>(4)</sup>, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea permezz ta' ittra tas-16 ta' Settembru 2022;

sa fejn dawn l-atti jinkludu lir-rikorrent fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet suġġetti għall-miżuri restrittivi;

- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; fuq ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, fuq in-nuqqas li jiġi ssodisfatt l-oneru tal-prova, fuq ksur tal-kriterji ta' inklużjoni stabbiliti fl-Artikoli 1(1)(b) u (d) u fl-Artikolu 2(1)(d) u (f) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 u fl-Artikolu 3(1)(d) u (f) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014, li t-tnejn li huma jirrigwardaw miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fuq ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għall-proprietà u għal-libertà ta' intrapriża u fuq ksur tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 239, p. 149).

<sup>(2)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 239, p. 1).

<sup>(3)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16).

<sup>(4)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 64).